# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 38/2026**

Data: L-Erbgħa 27 ta' Mejju 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

38.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

38.2 MINUTI

38.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

38.4 KORRISPONDENZA

38.5 PLANNING AUTHORITY

38.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

38.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

38.8 MISTOQSIJIET

38.9 MOZZJONIJIET

38.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

38.11 FINANZI

38.12 TRAFFIC MANAGEMENT

38.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

38.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

38.15 STAFF

38.16 PURCHASE REQUEST FORM

38.17 ĦLASIJIET

38.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 38.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**38.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns C Bonello. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 38.2 MINUTI

**38.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7423/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 37/2026 bid-data 22 ta' April 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**38.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.4 KORRISPONDENZA

**38.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Young Engineers Malta fejn talbu biex jikru l-klassi għal diversi ġranet, darbtejn fil-ġimgħa filgħodu għal tlett siegħat. Is-Sindku qal li ntbagħtet il-Bye Law però minħabba li għandhom ħafna ġranet, il-prezz tal-kirja ta' €150 għal kull ġurnata qed jarawh għoli wisq. Is-Sindku qal ukoll li ġiet imnaqqsa l-kirja għal €100, peress li hija l-klassi li ser tkun qed tintuża u mhux is-sala, fejn huma qalu li jekk titnaqqas aktar jikkunsidraw li jikruha għal sena sħiħa u mhux għas-sajf biss. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jekk jixtiequ jikruha għal sena sħiħa, il-prezz tal-kirja għandu jkun dak ta' €80, filwaqt li jekk ser jikruha għas-sajf biss, il-prezz għandu jibqa dak ta' €100.

## 38.5 PLANNING AUTHORITY

**38.5.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**38.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva imejl mid-Dipartiment rigward kors tal-'first aid' fuq l-annimali li jista' jsir ġewwa l-Kunsilli Lokali, jekk il-Kunsill ikun interessat. Is-Sindku qal li l-kors huwa mistenni li jibda bejn Settembru u Ottubru li ġej, u d-data sa meta ser ikunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet hija s-26 ta' Ġunju 2026. Is-Sindku qal ukoll li ladarba dan il-kors huwa bla ħlas, ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isir fil-Kunsill.

Il-Kuns M Lombardo staqsa lis-Sindku jekk l-imejl intbagħtitx lill-Kuns A Tanti li huwa l-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-annimali, fejn għal dan is-Sindku wieġeb fin-negattiv minħabba li l-imejl kienet indirizzata lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biss. Is-Sindku qara l-imejl annessa bħala 'Dok A'. Il-Kuns J Scicluna qalet li taqbel mal-Kuns M Lombardo, li l-Kuns A Tanti għandu jiġi nfurmat b'dan. Is-Sindku qal li l-Kunsilliera jattendu għall-laqgħa tal-Kunsill għax legalment huma obbligati li jattendu, u li kieku l-Kuns A Tanti huwa preżenti għall-laqgħa kien jgħaddilu l-mozzjoni biex tiġi ffirmata minnu stess. Is-Sindku kompla jgħid li huwa ddeċieda li l-imejl jiddiskutiha mal-Kunsilliera waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid ukoll li biex jiffaċilita l-affarijiet u l-laqgħa ma ddumx tul twil ta' ħin, ċertu imejls li jkunu ndirizzati lill-kulħadd jiġu mgħoddija lill-Kunsilliera, però xorta waħda jista jagħżel li dawk l-imejls jiddiskutihom waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7424/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' t-talba biex isir il-kors tal-First Aid għall-annimali ġewwa l-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**38.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward il-każ li kien diġà semma, fejn il-Kunsill irċieva ittra legali minħabba li waqgħet siġra fuq vettura fi Triq Kampanella, intbagħatet il-korrispondenza kollha lill-avukat tal-Kunsill. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tfakkar lill-avukat biex iweġibhom.

**38.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn Transport Malta rigward rotta ġdida ta' karozza tal-linja bin-numru 95 li ser tibda topera bejn il-Belt Valletta u l-Fgura, u lura. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku qal li ser ikun hemm it-'timetables' bil-ħinijiet mal-'bus stops'. Is-Sindku

rringrazzja lis-Sindku ta' qablu peress li din l-inizjattiva bdiet mill-leġislatura l-oħra.

**38.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn naħa tar-Reġjun Port rigward skeċċ artistiku li jifforma parti mill-proġett 'Art in Common', bħala parti mis-sena kulturali tar-Reġjun. Is-Sindku qal li dan l-iskeċċ mill-artist huwa ta' statwa li jixtieqU li ssir f'kull lokalità u li hija assoċjata mal-lokal. Is-Sindku kompla jgħid li tkellem mal-artist u spjegalu li l-Kunsill diġà qed jaħdem fuq proposta ta' monument kbir u bħala spazju miftuħ ma tantx hemm fejn issir. Is-Sindku qal ukoll li jista' jġib permess u jekk jaqblu l-membri tal-Kunsill, din l-istatwa ssir fil-park il-ġdid tal-Inħawi. Huwa qal li ċċekkja rigward dan u minn naħa tagħhom ma jsibux oġġezzjoni ladarba l-istatwa tkun tal-ġebel minħabba s-swar. Is-Sindku żied jgħid li l-artist għamel riċerka dwar il-Fgura u ħareġ abbozz kunċettwali. Is-Sindku qara dan l-abbozz anness bħala 'Dok Ċ'. Is-Sindku għadda l-iskeċċ artistiku lill-membri tal-Kunsill, fejn ma qablux miegħu. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill jinforma lir-Reġjun b'dan u jitlob sabiex isir disinn ieħor mill-artist.

**38.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġie nfurmat mill-FSWS li jikru l-ewwel sular tal-binja tal-Kunsill Lokali, li wieħed mill-'air conditions' mhux qed jaħdem u jeħtieġ li jiġi mibdul. Is-Sindku qal li ser ikunu qed jingabru l-kwotazzjonijiet. Il-Kuns J Scicluna qalet li qed ikollhom ħafna 'air conditions' bil-ħsara. Is-Sindku qal li l-'air conditions' li jintużaw mill-ħaddiema tal-Kunsill kważi kollha ġew mibdula wkoll u dawn kienu twaħħlu fl-istess snin.

**38.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li tkellem ma' xi residenti kif ukoll ma' diversi Sindki bħal ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien, peress li dan l-aħħar kienet qed tinxtamm riħa qawwija ta' qisu petrol, diesel jew qatran fil-lokalitajiet tan-naħa t'isfel. Is-Sindku qal li r-Reġjun Port informa lill-Kunsilli Lokali kollha ta' dawn il-lokalitajiet, li l-ERA qed tinvestiga dan il-każ sabiex tistabilixxi minn fejn qed tiġi din ir-riħa.

**38.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva l-pjanta tal-parkeġġi l-ġodda fi Triq A.M. Valperga, li għadhom iridu jsiru ġewwa biswit il-park fejn ser ikun hemm ħamsin parkeġġ ieħor.

**38.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li s-sala tal-Kunsill issa hija lesta mix-xogħolijiet u jixtieq li jitwaħħal il-'logo' tal-Kunsill Lokali mal-ħajt biex ma tibqax tintuża ir-'roll up'. Is-Sindku qal li nġabru l-kwotazzjonijiet biex isir il-'logo' bil-'perspex' u jkollu d-dawl ukoll, fejn l-irħas waħda kienet ta' €200.

Il-Kuns J Scicluna qalet li għas-sala hemm bżonn jinxtara 'screen' għall-projector għax fuq il-ħajt ma jidhirx sew. Il-Kuns R Deguara u s-Sindku qalu li ma jidhirx

minħabba d-dawl u li fuq 'screen' ser ikun hemm l-istess problema, għaldaqstant jekk tagħmel kemm jistajkun dlam fis-sala, il-'projector' jidher sew fuq il-ħajt.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7425/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa biex isir u jigi nstallat logo tal-acrylic bl-emblema tal-Kunsill Lokali Fgura u bid-dawl għad-Day Centre.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li nqasmu xi plakek tal-ismijiet tat-toroq li jeħlu mal-ħajt minħabba li kienu ilhom u kienu taċ-ċeramika. Is-Sindku qal li nġabru l-kwotazzjonijiet u l-irħas waħda kienet dik ta' €339.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7426/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa biex jinxtraw 4 plakek taċ-ċeramika bl-ismijiet tat-toroq.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li tlestew żewġ proġetti maġġuri li huma Vjal Kottoner, kif ukoll Triq A.M. Valperga. Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Vjal Kottoner, kellha titqabbad is-sistema tal-irrigazzjoni, fejn fil-leġislatura l-oħra tqabbdet mar-'roundabout' u issa ser tinfirex ukoll faċċata ta' Chain Supermarket, biex fejn hemm it-turf jibda jissaqqa waħdu wkoll.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7427/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għal installazzjoni ta' irrigation kif ukoll turf ġewwa Vjal Kottoner.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' Triq A.M. Valperga, hemm it-tħawwil ta' siġar u arbuxelli fil-'parking area'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7428/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni biex isir it-tħawwil ta' diversi siġar u arbuxelli ġewwa l-proġett il-ġdid fi Triq A.M. Valperga.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.11** Is-Sindku nforma l-kamra li kull sena l-Kunsill jirċievi mill-UTV sabiex tixxandar il-festa tal-lokal.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7429/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' talba ta' €100 għal xandiriet tal-festa fuq UTV, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu sabiex isir reklam fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-istess għaqda. Is-Sindku qara l-imejl annessa bħala 'Dok D'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7430/26/9** 'Sabiex isir reklam fil-ktieb tal-festa maħruġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €150 skond it-talba annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.13** Is-Sindku nforma l-kamra li kull sena l-Kunsill iħallas l-inġenji li jintużaw għall-festa bħal 'cherry pickers' eċċ, fejn ma jsibx oġġezzjoni rigward dan. Is-Sindku qal li bħas-sena l-oħra, l-ispiża m'għandhiex taqbeż il-€5,000.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7431/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ispiża relatata ma' l-inġenji tal-festa biex jintrama l-lokal liema spiża ma għandhiex taċċedi s-somma ta' €5,000.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.14** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill għadu f'sitwazzjoni ta' finanzi li mhux komdu biha, però jista joħroġ minnha mhux f'ħafna tul ta' żmien. Is-Sindku qal li kemm il-każin tal-Banda kif ukoll il-Kummissjoni Festa Esterna jorganizzaw żewġ attivitajiet fejn fis-snin preċedenti kienu jiġu msostna mill- Kunsill Lokali. Is-Sinku qal ukoll li ma jemminx li l-Kunsill għandu jaqta totalment din l-għajnuna li tingħata, però huma jifhmu wkoll is-sitwazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li t-talba taż-żewġ għaqdiet kienet tkun ta' €4,000 kull wieħed, u ppropona li din is-sena jingħataw €2,000 kull wieħed. Il-Kuns J Scicluna qalet li taqbel ma' dan għax b'hekk mhux ser jinħoloq preċedent bejn għaqda u oħra.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7432/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' €2,000 lill-Każin tal-Banda sabiex issir il-lejla Maltija.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**38.7.15** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7433/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' €2,000 għall-attività tal-Fgura Fest li tkun ta' kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.8 MISTOQSIJIET

**38.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.9 MOZZJONIJIET

**38.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**38.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.11 FINANZI

**38.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**38.12.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 38.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**38.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kien hemm kwistjoni fi Triq A.M. Valperga fejn minħabba l-bollards, ir-residenti kien qed ikollhom jinżlu lejn ir-'roundabout' ta' Bormla biex jitilgħu lejn Triq Cospicua,

u kien hemm ħafna lmenti rigward dan. Is-Sindku qal li tkellem mal-Ministeru, inqalgħu l-bollards u saret il-'give way', biex b'hekk ikunu jistgħu jitilgħu 'l fuq u mhux jinżlu jduru mar-'roundabout'.

**38.13.2** Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk kif toħroġ minn Triq Sigismondo Savona tistax tinżel 'l isfel lejn Bormla, fejn is-Sindku wieġeb li dan mhux possibbli u hemm it-tabelli li juru dan. Il-Kuns M Lombardo qal li t-tabella tinkiser ta' spiss u jista' jiġri xi aċċident. Is-Sindku qal li min jinżel 'l isfel 'wrong way' ikun qed jikser il-liġi. Il-Kuns R Ellul qal li ladarba hemm it-tabelli u s-sinjali ma' l-art kif suppost, il-Kunsill ma jidħolx fiha.

**38.13.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li hemm xi tabelli u mera biex jiġu rranġati u li kien hemm xi 'doggy bins' fi Vjal Kottoner li jridu jerġgħu jitwaħħlu. Is-Sindku qal li ser jiġu rranġati mill-ħaddiema tal-'maintenance' u li l-'bins' ser jitwaħħlu. Il-Kuns J Scicluna qalet li kif tgħaddi l-elezzjoni ġenerali għandu jiltaqa' s-Sotto Kumitat tat-Traffic Management biex jiġu diskussi xi affarijiet importanti.

**38.13.4** Il-Kuns R Deguara staqsa jekk tistax titwaħħal mera fi Triq Sigismondo Savona u s-Sindku qal li din tista' ssir. Il-Kuns R Deguara qal li qed tintuża l-'unloading bay' fi Vjal Kottoner minn xi ħwienet u qed jinbarax u jitkisser kullimken. Is-Sindku qal li ser jiġu nfumati l-Pulizija.

Il-Kuns I Catania De Giovanni ħareġ mill-kamra fis-18:16 hrs.

## 38.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**38.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li bdiet topera il-karozza tal-linja l-ġdida bin-numru 95 u tinsab kuntenta li saret il-ħidma għall-ġid tar-residenti, biex issa jistgħu jużaw din il-karozza tal-linja. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li bħala ħinijiet li fihom topera din il-karozza tal-linja, kienu ser ikunu differenti peress li kellha tibda fis-6.20am, però ma ġiex aċċettat dan il-ħin u ntalab li tibda topera fil-5.00am, peress li ħafna residenti jkollhom bżonn jitilqu kmieni biex jaslu għax-xogħol fil-ħin.

**38.14.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li r-residenti li joqgħodu n-naħa ta' Bulebel bħal Triq Mary Carter u Triq id-Dejma, tkellmu magħha peress li wkoll qed ikollhom problema biex jitilgħu fil-karozza tal-linja minħabba li din qed tkun mimlija. Il-Kunṡ J Scicluna qalet ukoll li anke l-karozzi tal-linja li jmorru l-isptar Mater Dei u li jgħaddu minn Triq Hompesch qed ikunu mimlijin. Is-Sindku qal li jekk ser tkun impossibbli li tiġi solvuta din il-problema, wieħed jista jirkeb il-karozza tal-linja bin-numru 95 u jitla l-Belt jew jieqaf Raħal Ġdid, biex jaqbad karozza tal-linja oħra bid-destinazzjoni li jixtieq.

**38.14.3** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li saret l-attività ta' Festa Tfal fejn kienet waħda tajba ħafna.

## 38.15 STAFF

**38.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li bdew jaħdmu fil-Kunsill xi ħaddiema ġodda minn naħa tal-Community Workers Scheme. Is-Sindku qal li dawn huma Roderick Saliba u Deane Zammit li huma ħaddiema tal-'maintenance', u Joseph Bugelli, Amanda Mangion u Noela Zerafa li huma 'clerks'.

**38.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li wieħed mill-ħaddiema l-oħra tal-'maintenance' u li huwa wkoll ħaddiem tal-Community Workers Scheme, kellu jittieħed l-isptar bl-ambulanza peress li sofra minn 'stroke' hekk kif daħal għax-xogħol filgħodu.

**38.15.3** Is-Sindku nforma l-kamra li jixtieq li Deane Zammit jingħata żieda ta' €100 fix-xahar peress li huwa ħaddiem bieżel u eżemplari.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7434/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħti lil Deane Zammit allowance ta' €100 fix-xahar għar-responsabbiltà u dmirijiet lejn il-post tax-xogħol.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.16 PURCHASE REQUEST FORM

**38.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7435/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Mejju 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok E')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.17 ĦLASIJIET

**38.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7436/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 15/04/2026 sa 20/05/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 38.18 AĠĠORNAMENT

**38.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:34 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju, 2026 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 27 ta' Mejju, 2026

'Dok A'

Sep/Octo

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Sammut Maria A at Local Government Division on behalf of Info at Local Government Division |
| **Sent:** | Friday, 22 May 2026 14:44 |
| **Subject:** | Animal First Aid Course |
| **Attachments:** | EOI-Animal First Aid Courses.pdf |

Rispettabbli Sindki
Segretarji Eżekuttivi

Għeżież,

Bi pjaċir ngħaddilkom proposta sabiex flimkien mal-Animal Welfare, il-kunsilli jkunu nistgħu joffru sessjonijiet t'għarfien dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali.

F'dan l-istadju, qed nistednukom tgħidulna jekk intomx interessati li tkunu parti minn din l-inizjattiva.

Inħeġġiġkom tikkonkorru.

Inselli għalikom,


Maria A Sammut
Senior Clerk
Monitoring and Support
Local Government Division

t +356 20908633 e maria.a.sammut@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS A
26, ARCHBISHOP S


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

'Dok B'
6

# Fgura Local Council at Fgura Local Council

**From:** Vella Ivan Pierre at Transport
**Sent:** Wednesday, 20 May 2026 07:35
**To:** Clayton Cascun Portelli
**Cc:** Fgura Local Council at Fgura Local Council; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Pace Zvetlana at Fgura Local Council
**Subject:** RE: FW: Rotta Gdida

Good morning Mayor,

Reference is being made to your below captioned email.

Below please find route 95 timetables as they are scheduled to depart from Valletta.

Given that this is a circular route, that is it starts and ends in Valletta, there is no fixed time when this will arrive in Fgura. However, it is estimated that the journey time takes between 20 and 25 minutes. Therefore, for example, trip that leaves Valletta at 07:15hrs is estimated to reach Fgura at between 07:35 and 07:40hrs.

'Dok Ċ'

**Abbozz Kunċettwali**

Minn atti notarji, il-kelma 'Fgura' oriġinat minn familja Ficura, jew hekk imsejħa, 'Ficchiera' kienu sidien ta' diversi artijiet u irziezet f'dak li llum huwa imsejjaħ, Il-Fgura. B'hekk, maż-żmien, dan l-istess raħal, ħa it-titlu tal-Fgura.

Teoriji oħra, isostnu li il-kelma Fgura, ghandha relazzjoni mal-kelma 'Figura'. Minn rapporti storiċi bejn Ħaż-Żabbar u Raħal Ġdid, kien hemm immaġini, magħmulha fil-ġebel tal-'Madonna tal-Karmnu' u b'hekk, in-nies tal-lokal, kienu jirreferu ghaliha bħala 'Il-Figura'.

Fuq livell personali, u iżjed intimu. it-tluq ta' din il-figura ġejja minn ispirazzjoni, kemm personali ibbażata fuq avveniment li osservajt jien, kif ukoll minn sors akkademiku, ta' ħabib, u professur, Norbert Bugeja.

Fuq livell internazzjonali. rajna bosta figuri qegħdin jiġu interpretati li qegħdin 'jaqgħu'. Fost mill-wieħed li servew ta' ispirazzjoni kbira huwa dak tal-artist Amerikan, Eric Fischl. il-famuża 'Tumbling Woman' li ġiet imħabbra u finalizzata fl-elfejn u tnejn.

Fuq livell estetiku, din se tkun magħmula u mnaqqxa fil-ġebla Maltija, dik imsejħa il-'Globigerina Limestone', li llum għandha wkoll preġju internazzjonali. Dejjem ħassejt li l-Fgura għadha fil-bidu ta' ħafna. B'hekk ukoll, din il-'Figura' se tibda mill-punt tal-*unfinished*, fuq pedestal ta' '*Finished Concrete*' u tibqa' tiela', sa ma l-figura tibda ħierġa b'ċertu dettal, u b'ċertu espressjoni. Hekk kif tidher ċara fl-abbozzi megħmuża.

Matul il-proċess, se jkolli wkoll l-assistenza u il-pariri ta' l- iskultur Malti, Antoine Farrugia. Artist lokali li kiseb rispett fil-qasam tal-arti tal-lokal, kif ukoll dak internazzjonali.

'Dok D'

**Simmonds Ruth at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Roderick Parascandalo <roderickparascandalo@gmail.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 26 May 2026 10:44 |
| **To:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Bugeja Shakira at Fgura Local Council; Clayton Cascun Portelli; Simmonds Ruth at Fgura Local Council; Glenn Collins |
| **Subject:** | Reklam fil-Ktieb tal Festa 2026 - Każin tal-Banda Fgura |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għeziez,

Bħalissa qed inħejju sabiex niġbru l-materjal biex jiġi ppublikat il-ktieb tal-Festa ta din is-sena.

Ta' kull sena l-Kunsill Lokali tal-Fgura jkun ta' sostenn għalina f'dan il-ktieb permezz tar-reklam li isir fl-istess ktieb tal-Festa.

Għaldaqstant permezz ta' din l-imejl nitolbok tikkonfermali jekk tixtiequx li jerga isir ir-reklam ta' paġna sħiħa A4 bil-kulur fil-qoxra bħas-snin l-imgħoddija, għall-prezz ta' €150.

F'kaz li dan jiġi kkonfermat, nitlobmok tikkonfermaw l-artwork li ser jintuza (qis ta A4 wieqaf).

Grazzi bil-quddiem tal-għajnuna u s-sapport li dejjem tatuna.

Tislijiet,

Roderick Parascandalo

Viċi President - Każin tal-Banda Fgura

'Dok E'

## PRFPO for CM May 2026

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 12416 | 12640 | Vince Hardware Store | Public Works - Triq Kent c/w Triq San Mikiel - 8 x zrar | € 17.60 |
| 12417 | 12641 | Vince Hardware Store | 1 x WD 40, 1 x Chalk liner, 1 x roller 23cm | € 28.29 |
| 12418 | 12642 | ACMA | Regjun Port - Triq il-Kampanella - Railing for pavement - 2 x flat bars to bend (our material - supplier will only bend), 1 x pipe 48 cm to bend - ( Suppliers material and bend ) | € 112.10 |
| 12419 | 12643 | Vince Hardware Store | Regjun Port - Triq il-Kampanella - Railing for pavement - 25 x metal cutting discs 125mm, 4 x cutting discs 14 " | € 48.17 |
| 12420 | 12644 | Amuse Events | Mixghela 2026 - Event Coordinator Services for Mixghela 2026 | € 400.00 |
| 12421 | 12645 | Double M | Organistaion &Logistics of World Clean Day 2026 | € 500.00 |
| 12422 | 12646 | Ryan Bezzina | Poster - Design Clean Up Day 2026 artwork | € 100.00 |
| 12423 | 12647 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985, Petrol for generator | € 50.00 |
| 12424 | 12648 | Matthew Farrugia | Entertainment service for the 6 th May 2026 from 7:30pm till 9:30pm and all necessary equipment | 100 |
| 12425 | 12649 | Vince Hardware Store | 2 x pkts welding rods 2.5 | € 14.73 |
| 12426 | 12650 | Paradiso Gardens | 5 x Planter marble/concrete trough 95 copper ring BLUMA 95 copper 95x45x45H (170kg), 15 x Vulcaflor light engineered volcanic soil LT.33, 10x mix plants P24 50/60cm, 1 x labour/planting rate includes delivery | € 2,360.00 |
| 12427 | 12651 | The Scout Association of Malta | Services rendered to Fgura Local Council World Clean Up Day - 26/9/2026 | € 300.00 |
| 12428 | 12652 | Simon Pace | Upkeep of Public Convenience April 2026 | € 531.00 |
| 12429 | 12653 | Ecopure Limited | 4 x 18.9 litres of San Michel table water | € 18.80 |
| 12430 | 12654 | Urban Furniture Malta | 22 quantities centre pieces (Sleeping Police) , 4 quantities head pieces (Sleeping Police) | € 1,062.00 |
| 12431 | 12655 | WJA Distributors | 1 x Bosch Cordless Impact, 1 x bosch battery set, 1 Deep socket, 1 deep socket | € 662.55 |
| 12432 | 12656 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | Servizz tal-banda ghal festa tfal 20/5/26 | € 600.00 |
| 12433 | 12657 | Neriku Catering | Catering service for 6/5/2026 as per quote 13672 including drinks | € 487.79 |
| 12434 | 12658 | Piscopo | 4 x pkts plastic cups, 4 x pkts carton cups | € 11.80 |
| 12435 | 12659 | Talexio Ltd | Annual payroll, leave management & Hr essentials package starting from April 2026 till March 2027, Annual device manager software starting April 2026 till March 2027 | € 633.38 |
| 12436 | 12660 | Parrocca Madonna tal-Karmnu, Fgura Youth Centre | New props for Presepju haj to be used by the youths during Pjazza tal-Milied 2025 | € 500.00 |
| 12437 | 12661 | Vince Hardware Store | 1 x 1 ltr white paint, 1 x 1 ltr red paint, 3 x paint brushes 70mm | € 26.47 |
| 12438 | 12662 | Advisory 21 | External DPO services for the month of April 2026 | € 295.00 |
| 12439 | 12663 | Koptasin | 15 x orange flexible bollard with base | € 619.50 |
| 12440 | 12664 | Jonathan Pace OBO Bottegin Palazzo Xara | Friday Night Out at Rabat - Dinner on 8/5/2026 | € 1,160.00 |
| 12441 | 12665 | Vince Hardware Store | 10 X Rollers 4", 10x paint roller arm 10 cm | € 26.58 |
| 12442 | 12666 | Kummissjoni Festa Esterna | Festa Tfal 2026 - Kirja statwa tat-tfal bil-bradella, 3 lasti, 4 forcina u nies blex imexxuwa | € 650.00 |
| 12443 | 12667 | Netsys | Service agreement 24x7 for April 2026 | € 354.00 |
| 12444 | 12668 | Koptasin | 3 x R/m Yellow paint, 2 x R/m white paint, 1 x R/m blue paint, 2 x R/m black paint | € 796.50 |
| 12445 | 12669 | Michelle Mifsud | Cleaning service at Fgura Local Council during April 2026 | € 270.00 |
| 12446 | 12670 | Ecopure Limited | 11 x 18.9 litres of San Michel table water | € 51.70 |
| 12447 | 12671 | Ispy | Handing over of CCTV system | € 41.30 |
| 12448 | 12672 | Vince Hardware Store | Regjun Port Works - 1 x stud, 8 x nuts, 1 x anchor silicone | € 11.50 |
| 12449 | 12673 | Doris Montebello | 10 x classes of aerobic lessons from 23/1/26 till 27/3/26 | € 250.00 |
| 12450 | 12674 | Smart Genie Water Saving Innovation | Annual License Fees | € 75.00 |
| 12451 | 12675 | Netsys | 1 x Mikrotik router | 322.14 |
| 12452 | 12676 | Vince Hardware Store | Regjun Port - To paint pots - 1.5 litre chocolate brown paint | € 15.94 |
| 12453 | 12677 | Jos Hili & Sons Ltd | 8 x Floor detergant, 6 x Dolce gusto Cappuc 16, 24 x skimmed milk, 20 x kitchen rolls, 4 x packs toilet paper, 4 x hand wash 5 litres, 1 x box WC net, 1 box disposable gloves | € 345.17 |
| 12454 | 12678 | Vince Hardware Store | 40 x bolts SS 8x80mm, 40 x nuts SS 8x80mm | € 22.83 |
| 12455 | 12679 | Paul Magri | Regjun Port works - Railing - 3 x flat bars 40 x 8, 6 x roundbars 14 mm, | € 136.65 |
| 12456 | 12680 | Francis Service Station | Fuel for LCJ - 253 | € 10.00 |
| 12457 | 12681 | Vince Hardware Store | Public Works - Bankina quddiem 105, Triq il-Karmelitani, Fgura - 6x black cement, 12 x sand bags, 24 x bags spalls 3/8" | € 118.45 |
| 12458 | 12682 | Vince Hardware Store | 2 x Berger Patio Dressing 10 ltr | € 144.40 |

'Dok E'

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12459 | 12683 | Vince Hardware Store | Tourism Zones Regeneration works at Vjal Kottoner - 2 x waterpaint brushes 140x40, 2 x cotton rollers, 2 x roller trays | € | 23.39 |
| 12460 | 12684 | Vince Hardware Store | 2 x Berger Patio Dressing 10 ltr | € | 144.00 |
| 12461 | 12685 | Ecopure Limited | 6 x 18.9 litres of San Michel table water | € | 29.70 |
| 12462 | 12686 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € | 40.00 |
| 12463 | 12687 | Vince Hardware Store | Public Works - Banklna quddiem 105, Triq il-Karmelitani, Fgura - 2x black cement | € | 13.08 |
| 12464 | 12688 | ACMA | Reglun Port Works - Railing - 2 x flat bars 40 x 8 to bend & 1 x pipe 42 cm to bend | € | 118.00 |
| 12465 | 12689 | Jason Transport | Transport Service provided for the movement of 25 stalls from Fgura Local Council to Micas and return | € | 500.00 |
| 12466 | 12690 | Francis Service Station | Fuel for Generator | € | 10.00 |

**Kunsill Lokali: IL- FGURA**

Skeda Nru. 38

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 15/04/2026 sa 20/05/2026**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal- PR | Nru. Tal- PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Lesa | € 27.95 | € 27.95 | D | PF | 10% Administration fee for the month of March 2026 | 24/04/2026 | 22-019387 | nil | nil | | DC |
| 2 | Community Work Scheme Enterprise | € 143.25 | € 143.25 | D | PF | Monthly Allowance for May 2026 - Robert Muscat | 09/01/2026 | 3295 | nil | nil | | DC |
| | | € 239.96 | € 239.96 | | | Robert Muscat - Overtime April 2026 = 20.50 hrs x €9.92 + 18% VAT | 12/05/2026 | 3625 | | | | |
| | | € 134.61 | € 134.61 | | | Dean Zammit - Overtime April 2026 = 11.50 hrs x €9.92 + 18% VAT | | | | | | |
| 3 | 8Point Law | € 893.18 | € 893.18 | D | PF | Appell Numru 385/2025/1 - Deciz 29 ta' Jannar 2026 WM Envioremental Limited vs Dipartiment tal-Kuntratti, Kunsill Lokali Fgura u Anthony Scerri - Tender Knis | 06/05/2026 | nil | nil | nil | | DC |
| 4 | Paradiso Gardens | € 2,360.00 | € 2,360.00 | D | PF | 5 x planter marble/concrete trough 95 copper cing BLUMA 95 copper 95 x 45 x 45 H (170kg), 15 x Vulcaflor light engineered volcanic soil LT.33pcs, 10x mix plants P2450/60cm, Labour/planting rate includes delivery | 24/04/2026 | 852 | 12426 | 12650 | | DC |
| 5 | Commissioner of Inland Revenue | € 4,111.06 | € 4,111.06 | DA | PF | NI & Tax April 2026 | nil | nil | nil | nil | | 15328 |
| 6 | Staff Salary | € 2,351.68 | € 2,351.68 | D | PF | Payroll April 2026 - Income Supplement, Statutory Bonus & Long Serving Bonus | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 7 | Staff Salary | € 1,403.67 | € 1,403.67 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 8 | Staff Salary | € 1,756.24 | € 1,756.24 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 9 | Staff Salary | € 1,483.88 | € 1,483.88 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 10 | Staff Salary | € 1,922.57 | € 1,922.57 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 11 | Staff Salary | € 2,085.56 | € 2,085.56 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 12 | Staff Salary | € 132.19 | € 132.19 | D | PF | Payroll April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 13 | Mayor's Honoraria | € 1,350.77 | € 1,350.77 | D | PF | Onorarja & Allowance April 26 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 14 | Councillor | € 293.67 | € 293.67 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 15 | Councillor | € 213.33 | € 213.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 16 | Councillor | € 213.33 | € 213.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 17 | Councillor | € 241.33 | € 241.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 18 | Councillor | € 226.33 | € 226.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 19 | Councillor | € 226.33 | € 226.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 20 | Councillor | € 241.33 | € 241.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 21 | Councillor | € 283.33 | € 283.33 | D | PF | Allowance April 2026 | nil | nil | nil | nil | | Letter to Bank |
| 22 | Petty Cash | € 220.72 | € 220.72 | DA | PF | Reimbursement of Petty Cash April 2026 | 13/03/2026 | 19446 | nil | nil | | DC |
| 23 | Christine Farrugia | € 20.00 | € 20.00 | D | PF | Refund fo Friday Night Out at Rabat on 8/5/2026 | 15/04/2026 | nil | 12329 | 12553 | | DC |
| 24 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu | € 100.00 | € 100.00 | D | PF | Reklam fil-fuljett tal-Wirja tal-Gimgha Mqaddsa 2026 | 29/04/2026 | 14935 | 12431 | 12655 | | DC |
| 25 | WJA Distributors | € 662.55 | € 662.55 | D | PF | 1 x Bosch Cordless Impact, 1 x Bosch battery set, 1 x deep socket, 1 x deep socket | 30/04/2026 | 2026-060238 | nil | nil | | DC |
| 26 | Callus Garden Centre | € 2,831.53 | € 2,831.53 | T | PF | Upkeep of gardens & soft areas as per contract - April 2026 | 29/04/2026 | 2018-10848 | 12438 | 12662 | | DC |
| 27 | Advisory 21 | € 295.00 | € 295.00 | D | PF | External DPO services for the month of April 2026 | 22/04/2026 | K078 | 12423 | 12647 | | DC |
| 28 | Francis Service Station | € 40.00 | € 40.00 | D | PF | Fuel for IBL 985 | | | | | | |
| | | € 10.00 | € 10.00 | D | PF | Fuel for Generator | | | | | | |
| 29 | ACMA | € 112.10 | € 112.10 | D | PF | Regjun Port works- Railing for pavement at Triq il-Kampanella, Fgura | 04/05/2026 | 5345 | 12418 | 12642 | | DC |
| 30 | Cucciardi Florist | € 250.00 | € 250.00 | D | PF | Fjuri Hamis ix-Xirka 2026 ghall- Kunvent waqt il-Mixghela 2026 | 10/04/2026 | 13899 | 12331 | 12555 | | DC |
| | Sub Total c/f | € 26,877.45 | € 26,877.45 | | | | | | | | | |
| | Total | € 26,877.45 | € 26,877.45 | | | | | | | | | |

D - Direct Order, DA - Direct Order Approval, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid In Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

'Dok F'

'Dok F'

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda Nru. 38

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 15/04/2026 sa 20/05/2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal- PR | Nru. Tal- PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Amuse Events | € 400.00 | € 400.00 | D | PF | Event Cordinator Services for Mixghela 2026 | 12/04/2026 | 260401 | 12420 | 12644 | | DC |
| 32 | Simon Pace | € 531.00 | € 531.00 | D | PF | Upkeep of public Convenience for April 2026 | 24/04/2026 | S7_2026 | 12428 | 12652 | | DC |
| | | € 7,906.00 | € 7,906.00 | T | | Street Sweeping April 2026 | | S8_2026 | nil | nil | | |
| 33 | Ecopure Limited | € 18.80 | € 18.80 | D | PF | 4 x 18.9 litres of San Michle table water | 24/04/2026 | 1354673 | 12429 | 12653 | | DC |
| | | € 51.70 | € 51.70 | | | 11 x 18.9 litres of San Michle table water | 29/04/2026 | 1356311 | 12446 | 12670 | | |
| 34 | Urban Malta | € 1,062.00 | € 1,062.00 | D | PF | 22 Qtys cebter pieces (sleeping police) , 4 qtys head pieces (sleeping police) | 29/04/2026 | 2706 | 12430 | 12654 | | DC |
| 35 | Antonio Piscopo | € 11.80 | € 11.80 | D | PF | 4 x pkts plastic cups, 4 x pkts carton cups | 30/04/2026 | 414000094 | 12434 | 12658 | | DC |
| 36 | Talexio Ltd | € 633.38 | € 633.38 | D | PF | Annual payroll, leave management & HR essentials package starting April 2026 till March 2027, Annual device manager software starting April 2026 till March 2027 | 15/04/2026 | 6665 | 12435 | 12659 | | DC |
| 37 | Postpro Limited | € 265.50 | € 265.50 | D | PF | 2 flyers door to door distribution services | 18/03/2026 | 409 | 12364 | 12588 | | DC |
| 38 | Antoine Xerri | € 841.73 | € 841.73 | T | PF | Driver service for April 2026 | 24/04/2026 | 17_2026 | nil | nil | | DC |
| 39 | Avantech | € 179.83 | € 179.83 | D | PF | Copy count for April 2026 | 23/04/2026 | 330212 | nil | nil | | DC |
| | | € 101.09 | € 101.09 | | | | 27/04/2026 | 330359 | | | | |
| 40 | Il-Farfett Flowers | € 500.00 | € 500.00 | D | PF | Spejjez ta' armar u fjuri ghall- Mixghela ta' Hamis ix- Xirka 2026 | 19/04/2026 | 77632 | 12389 | 12613 | | DC |
| 41 | Marlene Gerada | € 436.80 | € 436.80 | D | PF | Library service for the month of April 2026 | 30/04/2026 | 100 | nil | nil | | DC |
| 42 | Adrian Vella | € 492.80 | € 492.80 | D | PF | Library service for the month of April 2026 | 30/04/2026 | 100 | nil | nil | | DC |
| 43 | Daniela Scicluna | € 20.00 | € 20.00 | D | PF | Refund for Permit FGR-2026-18729 as client paid a permit for 3 days but requested to use only 1 day | 04/05/2026 | 20294 | nil | nil | | DC |
| 44 | Assel Dossanova | € 10.00 | € 10.00 | D | PF | Refund for Permit FGR-2026-18630 as client paid a permit for 2 days but requested to use only 1 day | 27/04/2026 | 20205 | nil | nil | | DC |
| 45 | Netsys | € 354.00 | € 354.00 | D | PF | Service agreement 24x7 for April 2026 | 05/05/2026 | 2197 | 12443 | 12667 | | DC |
| | | € 322.14 | € 322.14 | | | 1 x Mikrotik Router | 07/05/2026 | 2198 | 12451 | 12675 | | |
| 46 | Jimmy Muscat | € 1,810.17 | € 1,810.17 | T | PF | Bulky refuse for the month of April 2026 | 30/04/2026 | 4//26 | nil | nil | | DC |
| 47 | Michelle Mifsud | € 270.00 | € 270.00 | D | PF | Cleaning services at FLC during April 2026 | 05/05/2026 | 4//26 | 12445 | 12669 | | DC |
| 48 | Ispy | € 41.30 | € 41.30 | D | PF | Handing over of CCTV system | 29/04/2026 | 8145 | 12447 | 12671 | | DC |
| 49 | Josianne Scicluna | € 41.04 | € 41.04 | D | PF | Refund of 54 x Petunia for Mother's Day Event | 06/05/2026 | 286926 | nil | nil | | DC |
| 50 | Neriku Catering | € 487.79 | € 487.79 | D | PF | Catering service for Mother's Day Event on 6/5/26 including drinks | 05/05/2026 | 408465 | 12433 | 12657 | | DC |
| | Sub Total c/f | € 16,788.87 | € 16,788.87 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | € 26,877.45 | € 26,877.45 | | | | | | | | | |
| | Total | € 43,666.32 | € 43,666.32 | | | | | | | | | |

D - Direct Order, DA - Direct Order Approval, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda Nru. 38

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Fornitur

Data: 15/04/2026 sa 20/05/2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal- PR | Nru. Tal- PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Parrocca Madonna tal-Karmnu Fgura Youth Centre | € 500.00 | € 500.00 | D | PF | New Props for Presepju Haj to be used by the youths during Pjazza fil-Milied 2025 | 22/01/2026 | FYC 2026-04 | 12436 | 12660 | | DC |
| 52 | Bottegin Palazzo Xara | € 1,160.00 | € 1,160.00 | D | PF | Friday Night Out on 8/5/2026 - Dinner for 58 persons | 08/05/2026 | 4032 | 12440 | 12664 | | DC |
| 53 | Supreme Travel Ltd | € 150.00 | € 150.00 | D | PF | 153 seater coach ghal harga - Friday Night Out 8/5/2026 | 14/05/2026 | TX/26949 | 12301 | 12525 | | DC |
| 54 | Vince Hardware Store | € 74.25 | € 74.25 | D | PF | 1 x Lewer safety shoes, 1 x Beta easy safety shoes | 16/03/2026 | 119931 | 12358 | 12582 | | DC |
| | | € 29.99 | € 29.99 | | | Public Works - Belisha Lights - 1 x LED Flood light 50 W | 16/03/2026 | 120032 | 12359 | 12583 | | |
| | | € 12.88 | € 12.88 | | | 1 x paint brush 50mm, 2 x cotton rollers 25cm | 18/03/2026 | 120413 | 12366 | 12590 | | |
| | | € 156.04 | € 156.04 | | | 1 x Sigma kwarts 10 ltrs | 18/03/2026 | 120463 | 12367 | 12591 | | |
| | | € 166.71 | € 166.71 | | | Public Conveninece - Pjazza Reent Gauci - 3 x anti vandal pillar cock, 2 x normal key, 1 x flushing pump, 1 x yellow vest, 1 x angle valve | 20/03/2026 | 120607 | 12369 | 12593 | | |
| | | € 19.84 | € 19.84 | | | 4 x paint rollers 10cm, 10 x rollers for road markings 4 " | 20/03/2026 | 120620 | 12370 | 12594 | | |
| | | € 55.93 | € 55.93 | | | 4 x Brass flag swivel 75mm, 1 x wash hand basin mixer | 20/03/2026 | 120656 | 12371 | 12595 | | |
| | | € 43.82 | € 43.82 | | | Port Regjun Works - Railing - 2 x 1 ltr Hempel eggshell black | 24/03/2026 | 121280 | 12378 | 12602 | | |
| | | € 3.40 | € 3.40 | | | 1 x box nails 3x30x100 pcs, 1 x Refilling gas lighter | 30/03/2026 | 122403 | 12379 | 12603 | | |
| | | € 29.81 | € 29.81 | | | Regjun Port Works - Railing - 4 x fischer anchor silicone | 01/04/2026 | 122648 | 12384 | 12608 | | |
| | | € 11.99 | € 11.99 | | | Regjun Port - Railing - 40 self drilling screws, 2 x flap discs 125mm, 2 x drill bits 2.5mm | 02/04/2026 | 122885 | 12386 | 12610 | | |
| | | € 12.46 | € 12.46 | | | Regjun Port - Railing - 1 x SDS drill bit 25 x 450 | 06/04/2026 | Jul-37 | 12390 | 12614 | | |
| 55 | Arms Ltd | € 63.25 | € 63.25 | DA | PF | Club Pjazza Patri Redent Gauci - 2/12/25 - 27/2/26 | 20/07/2025 | 43027789 | nil | nil | | DC |
| | | € 149.51 | € 149.51 | | | F.L.C Pjazza Patri Redent Gauci - Elec 6/12/25 - 3/3/26 - Water 2/12/25 - 27/2/26 | | 43027786 | | | | |
| | | € 69.28 | € 69.28 | | | Public Convenience Pjazza Patri Redent Gauci - Elec 6/12/25 - 2/3/26 - Water 2/12/25 - 27/2/26 | | 43027788 | | | | |
| | | € 277.54 | € 277.54 | | | B'ment & Club Pjazza Patri Redent Gauci - Elec 6/12/25 - 2/3/26 - Water 2/12/25 - 27/2/26 | | 43027782 | | | | |
| | | € 29.85 | € 29.85 | | | Triq George Stevens 2/12/25 - 3/3/26 | | 43027784 | | | | |
| | | € 284.13 | € 284.13 | | | Public Garden Pjazza Patri Redent Gauci 6/12/25 - 3/3/26 | | 43027781 | | | | |
| | | € 54.11 | € 54.11 | | | c/w Triq is-Sur Paviment Triq it-Taghlim c/w Triq is-Sur 2/12/25 - 27/2/26 | | 43027779 | | | | |
| | | € 367.49 | € 367.49 | | | Public Garden Reggie Miller, Triq il-Karmelitani 6/12/25 - 2/3/26 | | 43027785 | | | | |
| | | € 20.85 | € 20.85 | | | CCTV Triq Mahatma Gandhi 7/12/25 - 3/3/26 | | 43027792 | | | | |
| | | € 20.73 | € 20.73 | | | CCTV Triq Mater Boni Consilii 2/9/25-5/12/25 | | 43027791 | | | | |
| | | € 20.73 | € 20.73 | | | CCTV Triq il-Karmelitani 7/12/25 - 3/3/26 | | 43027790 | | | | |
| | | € 1,215.12 | € 1,215.12 | | | 126/127, Triq Hompesch, Fgura - Elec & water 7/12/25 - 3/3/26 | | 43118538 | | | | |
| | Sub Total c/f | € 4,999.71 | € 4,999.71 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | € 43,666.32 | € 43,666.32 | | | | | | | | | |
| | Total | € 48,666.03 | € 48,666.03 | | | | | | | | | |

D - Direct Order, DA - Direct Order Approval, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

'Dok F'

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda Nru. 38

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 15/04/2026 sa 20/05/2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal- PR | Nru. Tal- PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Matthew Farrugia | € 100.00 | € 100.00 | D | PF | Entertainment service for Mother's Day event on 6/5/2026 | 07/05/2026 | 62830 | 12424 | 12648 | | DC |
| 57 | Doris Montebello | € 250.00 | € 250.00 | D | PF | 10 x classes of aerobic lessons from 23/1/26 till 27/3/26 | 05/05/2026 | 14 | 12449 | 12673 | | DC |
| 58 | Datatrak IT Services | € 137.21 | € 137.21 | D | PF | 15 Pre Regional Tickets paid between 1/4/26 - 30/4/26 | 30/04/2026 | 1016253 | nil | nil | | DC |
| 59 | SmartGenie - Water Saving Innovation | € 75.00 | € 75.00 | D | PF | Annual License Fees | 30/04/2026 | 17 | 12450 | 12674 | | DC |
| 60 | GO PLC | € 141.99 | € 141.99 | D | PF | Rent of landline for May 2026 & consumption for April 2026 | 02/05/2026 | 101572968 | nil | nil | | DC |
| | | € 312.20 | € 312.20 | | | Rent on CCTV Sim's + Internet May 2026 | | 101569318 | | | | |
| | | € 38.81 | € 38.81 | | | Rent for mobile 79667649 for the month of May 2026 | | 101395608 | | | | |
| | | € 7.50 | € 7.50 | | | Rent for mobile 79035926 & rent for mobile 79664222 for the month of May 2026 | | 101447026 | | | | |
| 61 | Kummissjoni Festa Esterna, Fgura | € 300.00 | € 300.00 | D | PF | Preparazzjoni tax-xenghat il-godda | 14/04/2026 | KFE2026-013 | 12352 | 12576 | | DC |
| | | € 600.00 | € 600.00 | | | Armar u zarmar tad-dawl li ha jintrama fuq iz-zuntier waqt l-attivita | | | | | | |
| | | € 200.00 | € 200.00 | | | Borma tar-riha u l-ingredjenti | | | | | | |
| | | € 250.00 | € 250.00 | | | Armar u zarmar tas-Salib il-Kbir | | KFE2026-014 | 12348 | 12572 | | |
| | | € 594.00 | € 594.00 | | | 36 x kiri ta 36 pilastru dekorattiv tal-injam biex tinzamm id-distanza tan-nies | | | | | | |
| | | € 2,700.00 | € 2,700.00 | | | 18 x kiri li tinkludi l-armar ta zarmar tal-Bandalori relatati mal-Gimgha l-Kbira | | | | | | |
| | | € 3,206.00 | € 3,206.00 | | | Armar ta' fjakkoli - Zarmar ta l-istess fjakkoli fl-imsemmija toroq ( Triq Karmelitani, Hompesch u Zuntier tal-Knisja) (Excluding roundabouts u monument tas-Salib) | | KFE2025-015 | 12349 | 12573 | | |
| | | € 300.00 | € 300.00 | | | Armar tal-faccata tal-Knisja l-qadima u l-armar tal-pond fuq in-naha ta wara tal-Knsija li jghati ghal Pjazza Reggie Miller | | | | | | |
| | | € 200.00 | € 200.00 | | | Armar tal-monument tal-lokal bid-drapp vjola u zarmar ta dan id-drapp | | | | | | |
| | | € 1,200.00 | € 1,200.00 | | | 6 x kirja ta' slaleb u serratizzi, li jinkludu ukoll: holders, bozzoz,. Li ha jintramaw fuq iz-zuntier tal-Knsija kif ukoll fuq il-pond tal-Knsija naha Pjazza Reggie Miller | | | | | | |
| | | € 200.00 | € 200.00 | | | 4 x Garr, armar u zarmar ta'erba arbli ghal Wesa Kunsill tal-Ewropa. Jinkludi ukoll it-tlugh u nzul tal-bnadar | | KFE2025-016 | 12351 | 12575 | | |
| | | € 800.00 | € 800.00 | | | 4 x kirja ta slaleb u serratizzi, li jinkludu holders, bozzoz armati quddiem il-Museum | | | | | | |
| | | € 360.00 | € 360.00 | | | 6 x kirja . Armar u zarmar ta' fjakkoli kbar | | | | | | |
| | | € 350.00 | € 350.00 | | | supervision waqt l-attivita tal-Mixghela, fi triq il-Karmelitani u fuq iz-zuntier tal-Knisja | | | | | | |
| | | € 2,400.00 | € 2,400.00 | | | 12 x kirja ta'slaleb u serratizzi - armar u zarmar taghhom fit-Triq il-Karmelitani | | KFE2026-017 | 12350 | 12574 | | |
| | | € 1,600.00 | € 1,600.00 | | | 8 x kirja ta'slaleb u serratizzi - armar u zarmar taghhom fit-Triq Hompesch | | | | | | |
| | | € 800.00 | € 800.00 | | | 4 x kirja ta'slaleb u serratizzi - armar u zarmar taghhom quddiem l-Knisja Parrokkjali | | | | | | |
| | Sub Total c/f | € 17,122.71 | € 17,122.71 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | € 48,666.03 | € 48,666.03 | | | | | | | | | |
| | Total | € 65,788.74 | € 65,788.74 | | | | | | | | | |

D - Direct Order, DA - Direct Order Approval, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

'Dok F'

# ~~MOZZJONI~~ Emenda

~~Numru:~~

Korrezzjoni fuq il-minuti

Paragrafu 38.14.1 Progress ta' Hidma li attendejt mas-sindku Clayton Cascun Portelli jil-Ministru ta' trasport fejn ragunna proprjeta tal-kunsill. Din kienet hidma li saret flimkien bħal Kunsill.

Fejn edt ukoll grazzi lil Ministru ta' Trasport u Prim Ministru tal-għajnuna tagħhom.

Josianne Scicluna.
Proponent

Sekondant

EMENDI/ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-~~mozzjoni~~ emenda ġiet mgħoddija lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv 24 / 06 / 2026